MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 2/2010

Paul **DEMICOLI**

vs

**MINISTRU POLITIKA SOĊJALI**, Segretarju Permanenti Ministeru tal-Politika Soċjali u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-4 ta' Jannar, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-Ministru mħarrek aġixxa lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi – l-Att XXVII tal-2004 dwar l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta) – bil-ħruġ min-naħa tiegħu fl-14

ta' Mejju, 2004, tal-Avviż Legali numru mitejn u wieħed u tmenin tas-sena elfejn u erbgħa (A.L. 281/04) u dan safejn l-imsemmi Avviż Legali fir-Regolamenti tiegħu numri 2(ċ) u 3 jagħti tifsira lill-kelma "*klijent*", u dan billi bis-saħħa ta' dik it-tifsira wessa' l-kunċett tar-responsabbilta' għal saħħa u sigurta' fuq siti ta' kostruzzjoni għal fuq persuni bħalu (kuntratturi li jkunu qegħdin jiżviluppaw sit) meta l-Att Prinċipali ma kienx jestendi dik ir-responsabbilta' jew saħansitra jeskludiha għal persuni fil-qagħda tiegħu; (b) issib għalhekk li ma jiswewx l-imsemmija Regolamenti 2(ċ) u 3 u kull fejn tissemma responsabbilta' bħal dik fl-imsemmi Avviż Legali. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Jannar, 2010, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin bi żmien biex iressqu t-Tweġiba tagħhom għat-talbiet attriċi u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat li l-imħarrkin, notifikati kif imiss bl-atti tar-Rikors Maħluf u kif ukoll bl-Avviż tas-Smigħ tal-kawża[1] naqsu li jressqu kontestazzjoni fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u għalhekk waqgħu kontumaċi, għalkemm dehru waqt is-smigħ tad-9 ta' Marzu, 2010;

Rat ir-Rikors imressaq mill-imħarrkin fid-19 ta' Frar, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija talbu li din il-Qorti tagħtihom il-permess li jitħallew jikkontestaw il-kawża u jressqu t-Tweġiba Maħlufa tagħhom għar-Rikors Maħluf tal-attur, għal liema talba l-attur oppona bit-Tweġiba tiegħu tat-3 ta' Marzu, 2010;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet dwar l-episodju tal-kontumaċja tal-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għad-deċizjoni dwar jekk l-imħarrkin għandhomx jitħallew jikkontestaw il-kawża;

---

[1] Paġġ 9 (*tergo*) – 10 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi, mis-sottomissjonijiet mismugħa minn din il-Qorti f'isem l-imħarrkin, ir-raġuni li tingħata biex tgħid għaliex huma naqsu li jressqu l-kontestazzjoni tagħhom fil-ħin hi "minħabba taħlit ta' karti u lapsus amministrattiv fl-istadju eżatt qabel il-preżentata" tar-Risposta;

Illi l-kwestjoni quddiem din il-Qorti skond ir-Rikors tal-imħarrkin hija dik li tirrigwarda l-kontumaċja tagħhom u mhux is-siwi tan-notifika lilhom tal-atti tal-kawża. Ma hemm l-ebda kwestjoni li l-imħarrkin – bi tliet notifiki separati (magħduda waħda lill-Avukat Ġenerali, kif titlob il-liġi skond l-artikolu 181B(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) – kienu notifikati bl-atti tal-kawża kif imiss u bil-purtier. Għalhekk, din il-Qorti sejra tillimita ruħha biex tqis biss it-talba kif imfassla fir-rikors tagħhom biex jitħallew jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom;

Illi l-argument ewlieni tal-imħarrkin hu li n-nuqqas tagħhom ma għandu bl-ebda mod jitqies bħala att ta' dispett kolpuż li jikkaratterizza kontumaċja insanabbli. Iwaħħlu f'diżgwid amministrattiv li żamm milli jitressaq fil-ħin l-att ġudizzjarju meħtieġ biex huma jikkontestaw l-azzjoni tal-attur. Kemm hu hekk, mill-korp tar-rikors tgħhom jidher li l-att kien diġa beda jitfassal (fi kliem ieħor kien f'idejn l-imħarrek Avukat Ġenerali) imma b'xi mod intesa u ntilef qabel ma tressaq fil-Qorti;

Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li qieghed jintalab mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja ġeneralment titqies bħala kontestazzjoni[2], u l-bdil li sar fil-liġi proċedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi

[2] Ara App. Ċiv: **6.11.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġ. Ġerada vs S. Attard*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.545**)

tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu sanzjoni – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi – bħala element ta' disordni soċjali[3];

Fuq ix-xaqliba l-oħra, u minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja ġġib magħha, l-Qrati tagħna ddeċidew li r-rigorosita' tal-proċedura għandha tiġi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies ġustifikabbli[4]**;**

Illi jrid jingħad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumaċja ta' persuna mħarrka hija ġustifikabbli u tħalli lil dik il-parti tressaq id-difiża tagħha, ma tkunx b'daqshekk biss titqies li qegħda tikkastiga lill-attur, imma biss treġġa' f'postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-aħjar istruzzjoni tal-ġudizzju. Wara kollox, kull min jiftaħ kawża kontra parti ohra (għalkemm forsi jittama għall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-oħra, malli tirċievi l-atti tal-kawża, sejra tressaq il-kontestazzjoni tagħha;

Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha jrid ikun dak li bnadi oħra ssejjaħ bħala *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher

---

[3] Ara App. Ċiv.: **21.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.170**)
[4] Ara. P.A. S.P. **4.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Vella pro et noe vs Anthony Ellul***

għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, waħda morali[5];

Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja b'tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-aħħar żminijiet u għarfu u fissru bejn dik il-parti mħarrka li turi disinteress assolut u l-oħra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawża u li ma laħqitx għamlet dan jew ma laħqitx użat il-mezzi li tagħtiha l-liġi għal raġuni li ma kinitx taħti għaliha[6];

Illi dwar x'iwassal li kontumaċja titqies bħala waħda kolpuża, din il-Qorti tagħmel riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza tagħha tas-**7 ta' Marzu, 1994**[7], fejn inghad li "il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-liġi, jonqos li jagħmel l-arranġamenti neċessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri reġistrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arranġamenti imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . .Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jirċievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jiġu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ";

Illi l-Qorti tifhem li l-qagħda ta' persuna kontumaċi hija waħda fejn dik il-parti tkun naqset milli tressaq il-kontestazzjoni tagħha għal kawża li tkun saritilha fiż-żmien li hu stabilit mil-liġi.  Tifhem ukoll li r-regola taż-żmien li fih għandha titressaq dik il-kontestazzjoni hija waħda ċara u li t-tneħħija tal-kontumaċja (ukoll f'każijiet fejn ma jkunx hemm traskuraġni) hija eċċezzjoni għal dik ir-regola, li m'għandhiex titħalla li ssir ir-regola minflok ir-regola[8];

Illi min-naħa l-oħra, l-prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali tal-*audi alteram partem* jitfa' responsabbilta' mhux żgħira fuq

---

[5] Ara. Per eżempju App. Ċiv: **12.12.1975** fil-kawża fl-imsijiet ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi***; u P.A. G.V. **27.2.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Naudi Montaldo noe vs Emmanuel Xuereb***.
[6] Ara P.A. **9.12.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Gloria Beacom vs Anthony Spiteri Staines*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.195**)
[7] Fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Delċeppo vs Onor. Raymond Bondin et***
[8] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co Ltd.***

il-ġudikant li jgħarbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi wahda mill-partijiet li tiġi miżmuma milli tressaq il-każ tagħha quddiem it-tribunal li jkun;

Illi, fil-każ partikolari, jidher li r-raġuni miġjuba 'l quddiem mill-imħarrkin biex jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom hija marbuta mal-għamil (jew aħjar, l-omissjoni) ta' persuna oħra – l-avukat imqabbad minnhom – li, kif stqarr huwa nnifsu waqt it-trattazzjoni, wara li l-imħarrkin l-oħra ħallewlu l-kopji tal-atti tal-kawża fl-uffiċċju tiegħu u kien saħansitra beda jħejji t-Tweġiba, inqabad f'qagħda li nisslet "lapsus amministrativ". Ma ngħata l-ebda tagħrif dwar x'kien tali nuqqas amministrattiv, għalkemm issemma l-volum kbir ta' atti li kuljum jidħlu għall-attenzjoni tal-avukati fl-Uffiċċju tal-imħarrek Avukat Ġenerali. Dan il-fatt, iżda, jdaħħl ċirkostanza ġdida fl-esami tal-ħtija jew le tal-imħarrkin li jikkontestaw il-kawża f'waqtha;

Illi l-Qorti esaminat b'reqqa dawn iċ-ċirkostanzi u ssib li joħroġ fatt ewlieni li ma jistax, fil-fehma tagħha, jiġi injorat, u jiġifieri, li l-imħarrkin aġixxew fil-waqt biex ifittxu u jaħtru avukat biex jiddefendihom fi żmien utli, u li l-ħatra ma twettqitx minħabba li dak li kellu jagħmel l-avukat ma sarx. Ma ntweriex li n-nuqqas ta' attivita' tal-avukat tal-imħarrkin kien wieħed attiv u volut[9];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, fuq is-saħħa tal-prinċipji hawn fuq imsemmija, ma temminx li għandha tiċħad talba biex parti tingħata l-jedd li titħalla twettaq wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-jedd għal smigħ xieraq. Fil-każ partikolari, l-Qorti ssib ukoll li l-imħarrkin ma naqsux b'mod li ntwera li tali nuqqas kien wieħed ta' traskuraġni min-naħa tagħhom, iżjed u iżjed meta f'dan il-każ se' jkun meħtieġ jinstemgħu provi oħrajn u jsiru sottomissjonijiet qabel ma l-Qort tgħaddi biex tqis it-talbiet attriċi;

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, din il-Qorti qeghda tiddeciedi l-episodju presenti billi:

---

[9] P.A RCP: **16.3.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Christopher Muscat vs Raymond Buġeja noe***

**Ssib li ngħatat raġuni tajba biżżejjed biex tħalli lill-imħarrkin jikkontestaw il-kawża** billi jressqu t-Tweġiba Maħlufa tagħhom għat-talbiet tal-attur skond il-liġi;

**Tagħti** lill-imħarrkin żmien perentorju ta' għaxart (10) ijiem millum biex iressqu t-Tweġiba Maħlufa tagħhom, u

**Tħalli** l-kawża għall-eżami tal-istess Tweġiba, jew, fin-nuqqas, għall-kontinwazzjoni għas-smigħ ta' nhar il-Ħamis, 20 ta' Mejju, 2010, u tissejjaħ fid-9.00 a.m.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju jibqgħu riservati għad-deċiżjoni finali.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------